REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/26

tas-7 ta' Jannar 2015

li jiffissal-koeffiċjent(i) ta' allokazzjoni li għandhom jiġu applikati għall-kwantitajiet li għalihom japplikaw il-liċenzji ta' importazzjoni ppreżentati mill-1 sat-2 ta' Jannar 2015 fil-kuntest tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 416/2014 għal xi ċereali li joriġinaw mill-Ukraina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 416/2014 ([2]) fetaħ kwoti tariffarji tal-importazzjoni għal xi ċereali li joriġinaw mill-Ukraina.

(2) L-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 416/2014 ffissa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015, il-kwantità tal-kwota bin-numru tal-ordni 09.4308 għal 400 000 tunnellata.

(3) Il-kwantitajiet li għalihom japplikaw l-applikazzjonijiet tal-liċenzji għall-importazzjoni introdotti mill-1 sat-2 ta' Jannar 2015, fis-13:00, ħin ta' Brussel, għall-kwota(i) li għandhom in-numru tal-ordni 09.4308, huma superjuri għall-kwantitajiet disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, billi jiġi(u) stabbilit(i) il-koeffiċjent(i) tal-allokazzjoni li għandu(hom) jiġi(u) applikat(i) għall-kwantitajiet mitluba taħt il-kwota(i) kkonċernata(i), ikkalkulati skont l-Artikolu 7(2), tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 tal-Kummissjoni ([3]).

(4) M'għandhomx jinħarġu aktar liċenzji għall-importazzjoni għall-kwota(i) tariffarja(i) li għandhom in-numru tal-ordni 09.4308, prevista[i] fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 416/2014 għall-perjodu tal-kwota attwali.

(5) Sabiex ikun hemm garanzija li l-miżura hija effiċjenti, jeħtieġ li r-Regolament jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwantitajiet li għalihom japplikaw l-applikazzjonijiet tal-liċenzji għall-importazzjoni relevanti tal-kwota[i] li għandha[hom] in-numru tal-ordni 09.4308 u li huma elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 416/2014, introdotti mill-1 sat-2 ta' Jannar 2015, fis-13:00, ħin ta' Brussell, għandu jkollhom koeffiċjent ta' allokazzjoni ta' 7,385870 % għall-applikazzjonijiet ippreżentati fil-kuntest tal-kwota tariffarja li għandha numru tal-ordni 09.4308.

2. Il-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet ġodda għal-liċenzji, fil-kuntest tal-kwota(i) li għandhom in-numru tal-ordni 09.4308, imsemmija fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 416/2014, hija sospiża mit-2 ta' Jannar 2015, fis-13.00, ħin ta' Brussell, għall-perjodu tal-kwota attwali.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 416/2014 tat-23 ta' April 2014 li jiftaħ u jipprevedi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni għal xi ċereali li joriġinaw mill-Ukraina (ĠU L 121, 24.4.2014, p. 53).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Jannar 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-iżvilupp rurali